MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2013

Numru. 268/2011

**Il-Pulizija
(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**David Spina bin Nazzareno u Maria nee' Buttigieg imwieled Pieta fit-28/02/1978 u joqghod 8, Triq Toni Zahra, Zejtun, detentur tal-karta ta'l-identita 151978(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat David Spina li permezz taghha huwa gie akkuzat talli fil-25 ta' Lulju 2009, ghall-habta ta' 08:15hrs fi Triq Wied il-Ghajn, Zabbar waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni GAU458;

(1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta'

regolamenti ta' traffiku, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christian Mercieca skond ma ccertifika Dr. Malcolm Caruana (Reg.No 2864) minn Mater Dei Hospital.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet il-provi.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tat-8 ta' Gunju 2012.

Semghet illi l-imputat ma kellux oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn din il-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi dina l-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh gewwa Triq Wied il-Ghajn, Haz Zabbar madwar erba snin ilu. Id-dinamika ta' dan is-sinistru stradali ma jipprezentax wisq kumplikazzjonijiet billi kemm il-parti leza kif ukoll l-imputat ighidu illi huma kienu mexjin fil-karreggjata tat-traffiku wahda sejra lejn id-direzzjoni ta' Wied il-Ghajn u l-ohra lejn id-direzzjoni ta' Haz Zabbar. Ghal xi raguni, madanakollu, sehhet *head on collision* bejn dawn iz-zewg vetturi. It-tnejn li huma isostnu illi ghalkemm l-incident sehh filghodu u fid-dawl u ghalkemm ma kienx hemm xi traffiku partikolari ghaddej fit-triq f'dak il-hin jew xi ostakoli ohra, madankollu l-ebda wiehed minnhom ma ra lill-iehor qabel l-impatt ghalkemm it-triq hija wahda dritta u toffri vizwali tajba lis-sewwieq fiz-zewg direzzjonijiet taghha. Jidher illi ftit qabel ma sehh l-impatt kien hemm persuna qed issuq rota fil-genb tat-triq fil-karreggjata fejn kien qed isuq l-imputat u li ghalhekk seta' momentanjament holoq distrazzjoni jew mument ta' disattenzjoni fis-sewqan ta'l-imputat. Ma'l-impatt jidher illi l-parti leza sofra griehi ta' natura gravi per durata u dana skond kif iccertifikaw kemm Mr. Frederick Zammit Maempel kif ukoll Dr.

Malcolm Caruana li ikkuraw lil Christian Mercieca. Mercieca sofra ksur fil-pelvis u l-"hip"(acetabulum) tan-naha tal-lemin. Illi jidher illi ghamel madwar sitt gimghat bil-piz ma' saqajh. Ghalkemm Mr.Zammit Maempel ighid illi l-parti leza madwar sena wara l-incident kien fieq minn dawn il-griehi u li kien kapaci imur lura ghax-xoghol, madanakollu fix-xhieda tieghu Mercieca ighid illi huwa ghadu ibati il-konsegwenzi ta' dan l-incident u anke spicca tilef l-impieg tieghu ta' *electrician*.

Ill l-investigazzjonijiet li ghamlet il-pulizija *a tempo vergine* ma jitfghux wisq dawl lanqas fuq id-dinamika ta' dana s-sinistru stradali billi l-iskizz li sar mill-PS192 Ramon Godano ma jaghti l-ebda indikazzjoni ta' xi prova indizzjarja li seta' kien hemm fuq ix-xena[1]. Illi ma jidhirx illi f'dan il-kaz hemm xi allegazzjoni dwar xi *speed* eccessiv u ebda vettura ma halliet xi *brake marks* warajha. Sfortunatament, fuq l-*isketch* imhejji mill-Pulizija, ma giex indikat l-*ispot of impact,* u mill-istess *sketch*, ghalhekk, ma jirrizultax preciz f'liema parti tat-triq sehh l-incident. Illi l-uniku xhud okulari ghall-incident huwa Michael Zammit li ighid illi huwa kien qieghed isuq ezattament wara l-imputat. Isostni illi l-velocita tieghu kienet wahda normali u dana seta' jikkalkulah fuq l-*ispeedometer* tieghu billi huwa kien qieghed isuq warajh ezatt bl-istess velocita. Dana ix-xhud fl-ebda hin ma jindika illi kien hemm xi persuna fuq rota fil-genb tat-triq u ighid illi l-imputat dejjem baqa' isuq fuq il-karreggjata tieghu u li kien Mercieca li invada il-karreggjata tat-traffiku taghhom u habat ma'l-imputat. Mercieca dana jichdu u isostni illi huwa kien ghaddej ukoll b'velocita baxxa u baqa' isuq fil-karreggjata tieghu[2].

Ikkunsidrat,

Kif inghad fil-ktieb ta' Charlesworth & Percy, "On Negligence" (Sweet & Maxwell, Edit, 1997 para.9-221), ***"when there is a collision between two motor vehicles in the highway and there is no evidence pointing to one driver being any more to blame than the other,***

[1] Ara skizz a fol.80 tal-process.
[2] Ara xhieda ta' Michael Zammit a fol.85 u konfront ma'Christian Mercieca

***the proper inference to be drawn is that they are both to blame. So, when there had been a collision in the centre of crossroads of equal status, the defendant said to a policeman, `I was going along the road and we met in the middle', it was held that there was a prima facie case that both drivers were to blame. Each driver who was involved in an unwitnessed and inexplicable head-on collision between two vehicles, is likely to be held equally to blame for negligence, even where there is some indication that one of them might have been on his wrong side of the road".*** (ara wkoll "Fogg Insurance Agency Ltd vs Cordina et", deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-27 ta' Novembru, 2001).

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju illi l-persuna li kienet qed issuq ir-rota fil-genb tat-triq gibbdet l-attenzjoni ta'l-imputat u ghalhekk momentanjament huwa kien distratt ghaliex skond kif ighid huwa stess kien qed jahseb kif ser jaqilghu ftit sekondi qabel l-impatt. Dana wassal sabiex huwa hareg iktar lejn nofs it-triq bil-konsegwenza illi sab lill-parti leza gej mid-direzzjoni l-opposta li x'xktarx ukoll ma kienx qed isuq wisq lejn il-genb tat-triq. Il-Qorti issibha kemmxejn difficli temmen kif l-ebda wiehed mis-sewwieqa ma induna bil-vettura gejja mid-direzzjoni l-opposta fi triq dritta li ma kienet qed tipprezenta l-ebda ostakolu ghal vizwali rispettiva taghhom. Dana necessarjament ifisser illi it-tnejn li huma ma kenux qed izommu dik il-*proper lookout* rikjesta fil-ligi sabiex jigu evitati is-sinistri stradali u kwindi l-Qorti hija tal-fehma illi iz-zewg sewwieqa jahtu ghal dana l-incident. Illi ma hemmx dubbju illi l-parti leza ma kienx qed izomm dina l-*proper lookout* billi huwa seta' induna illi l-imputat qed jaqla' xi ftit 'il barra minhabba ic-ciklista li kien hemm fit-triq u allura huwa kien fid-dmir li jersaq iktar lejn il-genb tat-triq sabiex jippermetti lill-imputat ighaddi minn ma' genb ic-ciklista mingahjr ma jolqtu. Minn naha l-ohra ma hemmx dubbju lanqas illi l-imputat ma kienx attent fis-sewqan tieghu meta l-attenzjoni tieghu giet assorbita kompletament fic-ciklista li kien hemm quddiemu minghajr ma ha kont tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni l-opposta u jekk tali traffiku kienx qed jippermettielu f'dak il-mument jersaq lejn nofs it-triq.

Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "***Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".*** (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] ) u li **"*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"*** (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] **). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."*** ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi ghalkemm ghalhekk dina l-Qorti hija tal-fehma illi kien hemm in-negligenza kontibutorja da parti tal-parti leza li ikkontribwixxa ghal dana is-sinistru stradali, madanakollu dana ma jezonerax lill-imputat mir-responsabbilta penali tieghu ghar-reat li qed jigi addebitat lilu u cioe' ir-reat tal-offiza involontarja fuq il-persuna ta' Christian Mercieca ai termini ta'l-artikolu 226 tal-Kapitolu 9.

Illi jirrizulta bhala fatt mhux ikkontestat illi l-parti leza sofra griehi ta' natura gravi per durata fuq il-persuna tieghu minhabba ksur li sofra fil-*pelvis* u il-*hip joint* u dana kif ravvizat fis-subartikolu (1)(b) ta'l-artikolu 226 billi ghalkemm Mercieca ighid li ghadu ibati konsegwenzi fis-sahha tieghu minhabba l-griehi li sofra f'dana l-incident, madanakollu mix-xhieda ta' Mr. Zammit Maempel jirrizulta illi huwa fieq kompletament u jista' imur lura ghax-xoghol.

Illi finalment billi l-Avukat Generali jindika id-disposizzonijiet ta'l-artikolu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, ma jirrizultax illi f'dana il-kaz is-sewqan ta'l-imputat ghalkemm jista' jitqies bhala wiehed traskurat, kien jikkwalifika bhala sewqan perikoluz u kwindi il-Qorti mhijiex ser tghaddi sabiex tiskwalifika il-licenzja tas-sewqan tieghu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu 225, 226(1)(b), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati ta'l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannaha ihallas multa ta' elf  ewro (€1000).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------